Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 26 ta' Novembru 2021
(OR. en)

14366/21

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2020/0310(COD)**

**SOC 692**
**EMPL 520**
**CODEC 1544**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1) |
| lil: | Kunsill |
| Nru dok. Cion: | COM(2020) 682 final |
| Suġġett: | Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar qafas għal pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea<br>- Approċċ ġenerali |

## I. INTRODUZZJONI

Fit-28 ta' Ottubru 2020, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Direttiva dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea. Il-proposta tfittex li toħloq erba' obbligi ewlenin għall-Istati Membri, jiġifieri li:

1) jippromwovu n-negozjar kollettiv, b'mod partikolari dwar l-iffissar tal-pagi,

2) jirrispettaw għadd ta' obbligi proċedurali, jekk u meta l-Istati Membri jiffissaw/jaġġornaw il-pagi minimi statutorji u jivvalutaw l-adegwatezza tagħhom,

3) jieħdu miżuri biex itejbu l-aċċess effettiv għall-protezzjoni tal-paga minima tal-ħaddiema, li huma intitolati għal paga minima skont il-liġi nazzjonali, u

4) jiġbru data u jirrapportawha lill-Kummissjoni, sabiex jimmonitorjaw il-kopertura u l-adegwatezza tal-protezzjoni tal-paga minima.

Permezz ta' din l-inizjattiva, il-Kummissjoni għandha l-għan li tikkontribwixxi b'mod partikolari għall-implimentazzjoni tal-prinċipji 6 (pagi) u 8 (djalogu soċjali u involviment tal-ħaddiema) tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

Skont il-bażi legali rilevanti, jiġifieri l-Artikolu 153(2) TFUE, flimkien mal-punt (b) tal-Artikolu 153(1) tiegħu, il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

Il-Parlament Ewropew adotta l-mandat tiegħu fil-25 ta' Novembru 2021.

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali adotta l-opinjoni tiegħu fis-sessjoni plenarja tiegħu tal-25 ta' Marzu 2021[1].

Il-Kumitat tar-Reġjuni adotta l-opinjoni tiegħu fis-sessjoni plenarja tiegħu tad-19 ta' Marzu 2021[2].

## II. DISKUSSJONIJIET MATUL IL-PRESIDENZA SLOVENA

Il-ħidma tal-Presidenza Slovena bniet fuq il-progress tajjeb li sar mas-Sħab tat-Triju tagħha, il-Ġermanja u l-Portugall, kif imniżżel fir-rapport ta' progress tal-Presidenza Portugiża[3]. Il-Presidenza Slovena ppreżentat lill-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali (SQWP) erba' proposti ta' kompromess suċċessivi, li ġew diskussi matul sitt ijiem sħaħ ta' laqgħat tal-grupp ta' ħidma u f'ħafna diskussjonijiet bilaterali fil-livelli kollha.

[1] Dokument 7886/21
[2] Dokument 7421/21
[3] Dokument 9142/21 + COR1

L-objettivi tal-Presidenza fit-tmexxija tad-diskussjonijiet fil-livell ta' grupp ta' ħidma, kienu diversi:

1) B'kont meħud tat-tħassir speċifiku fl-Artikolu 153(5) TFUE, li jissalvagwardja l-kompetenza tal-Istati Membri li jiffissaw pagi minimi, il-Presidenza impenjat ruħha biex tadatta t-test fid-dawl tal-opinjoni bil-miktub tas-Servizz Legali tal-Kunsill[4]

2) Il-Presidenza semgħet b'attenzjoni u b'mod intensiv it-tħassib tad-delegazzjonijiet li rriżulta mill-mudelli tas-suq tax-xogħol u s-sistemi tal-iffissar tal-pagi differenti fil-livell nazzjonali. Il-Presidenza ħadmet ukoll b'mod intensiv bil-għan li ttejjeb il-kwalità teknika ġenerali tat-test.

3) Twettqet ħidma intensiva li kkonċentrat fuq is-sejbien ta' soluzzjonijiet ta' kompromess biex jiġu akkomodati diversi preokkupazzjonijiet imqajma mid-delegazzjonijiet sabiex jintlaħaq bilanċ xieraq fit-test u jinkiseb l-appoġġ ta' maġġoranza kbira tal-Istati Membri.

Il-kwistjonijiet ewlenin diskussi fil-korpi preparatorji tal-Kunsill huma mqassra hawn taħt.

[4] Dokument 6817/21

**Kwistjonijiet ewlenin indirizzati fil-korpi preparatorji tal-Kunsill**

(1) Qafas proċedurali għal pagi minimi adegwati (Titlu, Artikolu 1, premessa 15)

Il-grupp ta' ħidma ddiskuta b'mod estensiv in-natura u s-suġġett ta' din id-Direttiva u t-tip ta' obbligu previst fiha. Wara dik id-diskussjoni, ġie ċċarat, permezz ta' bidliet li saru fit-titlu tad-Direttiva u fit-test kollu, li din id-Direttiva tistabbilixxi qafas tal-Unjoni ta' natura proċedurali għal pagi minimi adegwati.

Ġie ċċarat ukoll li l-objettiv tal-adegwatezza huwa segwit b'mezzi differenti, skont jekk il-protezzjoni tal-paga minima hijiex provduta permezz ta' pagi minimi statutorji, jekk hijiex provduta esklużivament b'negozjar kollettiv dwar l-iffissar tal-pagi jew provduta b'kombinazzjoni ta' dawn iż-żewġ approċċi:

Għall-iffissar tal-pagi minimi statutorji, il-Kapitolu II jistabbilixxi obbligi proċedurali differenti biex jippromwovi li l-pagi minimi statutorji jiġu stabbiliti f'livell adegwat, mingħajr ma jinterferixxi fil-kompetenza tal-Istati Membri li jiddeterminaw dan il-livell.

Għall-pagi minimi stabbiliti permezz ta' negozjar kollettiv, inkluż fl-Istati Membri fejn il-pagi huma bbażati esklużivament fuq in-negozjar kollettiv, il-promozzjoni tan-negozjar kollettiv hija l-mezz biex tittejjeb il-protezzjoni tal-paga minima billi kopertura ogħla ta' negozjar kollettiv isservi għall-promozzjoni ta' pagi minimi adegwati (premessa 19).

Sabiex jirrifletti aħjar id-dispożizzjonijiet ewlenin tad-Direttiva, l-Artikolu 1 (u l-premessa 15) ġie ssimplifikat: Il-punt (a) tal-Artikolu 1(1) jikkorrispondi mal-Kapitolu II tad-Direttiva dwar il-promozzjoni tal-adegwatezza tal-pagi minimi statutorji, il-punt (aa-ġdid) jikkorrispondi mal-Artikolu 4 dwar il-promozzjoni tan-negozjar kollettiv u l-punt (b) jikkorrispondi mal-Artikoli 8, 9, 10a, 11 u 12, li jittrattaw l-infurzar tal-intitolamenti individwali eżistenti tal-ħaddiema għal paga minima.

(2) Assimilazzjoni ta' ftehimiet kollettivi applikabbli b'mod universali ma' ftehimiet kollettivi (Artikolu 3)

Il-proposta fiha dispożizzjonijiet differenti għall-pagi minimi statutorji u għall-pagi stabbiliti bi ftehimiet kollettivi. Għalhekk, id-distinzjoni bejn dawn it-tnejn hija kruċjali. Madankollu, billi l-kontenut tal-ftehimiet kollettivi applikabbli b'mod universali jirriżulta mill-ftehim tas-sħab soċjali u mhux mill-att tad-dritt pubbliku, li jagħmilhom applikabbli għal grupp partikolari ta' ħaddiema, ġie ċċarat li l-ftehimiet kollettivi li huma applikabbli b'mod universali ma għandhomx jitqiesu bħala pagi minimi statutorji.

Fuq l-istess linji, ġie ċċarat li l-eżitu tal-mekkaniżmu li jiffissa l-paga minima għall-baħħara fil-qafas tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu għandu jiġi ttrattat bl-istess mod bħal ftehim kollettiv.

(3) Promozzjoni tan-negozjar kollettiv dwar l-iffissar tal-pagi (Artikoli 4, 13, premessa 19)

Ġie ċċarat li l-objettiv li tiżdied il-kopertura tan-negozjar kollettiv huwa bil-ħsieb li jittejjeb l-iffissar tal-pagi pprovdut minn ftehimiet kollettivi u b'hekk tiġi promossa l-adegwatezza tal-pagi minimi. Billi l-Istati Membri ma jistgħux jobbligaw lis-sħab soċjali jikkonkludu ftehimiet kollettivi, fil-premessa ġie stabbilit b'mod ċar li 70 % tal-kopertura tan-negozjar kollettiv mhuwiex objettiv, iżda biss limitu li jiskatta l-obbligu li jiġi previst qafas ta' kundizzjonijiet abilitanti u pjan ta' azzjoni għall-promozzjoni tan-negozjar kollettiv. Ġie ddikjarat ukoll b'mod espliċitu fl-Artikolu 13 li l-Istati Membri jistgħu jippermettu lis-sħab soċjali jistabbilixxu b'mod konġunt il-pjan ta' azzjoni huma stess.

4) Promozzjoni tal-adegwatezza tal-pagi minimi statutorji (Artikolu 5, premessi 20 sa 21)

L-Artikolu 5 kien fiċ-ċentru tal-ħidma tal-grupp ta' ħidma fil-laqgħat kollha tiegħu, b'ħafna delegazzjonijiet jitolbu tnaqqis tal-obbligi u oħrajn jiddefendu l-proposta inizjali tal-Kummissjoni. Wara dawn id-diskussjonijiet, saru xi aġġustamenti. Madankollu, il-presidenzi suċċessivi ħallew il-qalba tad-dispożizzjonijiet dwar il-promozzjoni tal-adegwatezza tal-pagi minimi statutorji kif kienu.

Filwaqt li kien hemm ħafna appelli mid-delegazzjonijiet biex jiġi previst użu aktar flessibbli tal-elementi fl-Artikolu 5(2), il-Presidenza ħalliet fis-seħħ l-obbligu li jintuża kull wieħed mill-erba' elementi tal-Artikolu 5(2). Madankollu, b'kont meħud tal-opinjoni bil-miktub tas-Servizz Legali, ġie ċċarat li r-rilevanza u l-piż relattiv tagħhom jistgħu jiġu deċiżi mill-Istati Membri f'konformità mal-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi nazzjonali prevalenti tagħhom.

Bl-istess mod, l-obbligu għall-Istati Membri li jużaw il-valuri indikattivi ta' referenza biex jivvalutaw l-adegwatezza tal-pagi minimi statutorji tagħhom baqa', filwaqt li sar aktar espliċitu li kull Stat Membru jista' jagħżel il-valuri ta' referenza indikattivi li jrid juża. Ħafna Stati Membri kkritikaw il-fatt li l-proposta inizjali tal-Kummissjoni poġġiet enfasi qawwija fuq 50 % tal-paga medja grossa u 60 % tal-paga medjana grossa bħala valuri ta' referenza indikattivi potenzjali. Dawn l-Istati Membri appellaw biex jiġi rikonoxxut li l-adegwatezza ma tikkonċernax biss il-ġustizzja (ir-relazzjoni bejn il-paga minima u pagi oħra fi Stat Membru partikolari), iżda wkoll id-deċenza tal-paga minima f'konformità mal-Artikolu 5(1) u l-prinċipju 6 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali[5]. L-indikaturi tad-deċenza jintużaw l-aktar fil-livell nazzjonali. Il-Presidenza għalhekk illimitat id-deskrizzjoni tal-valuri ta' referenza fl-Artikolu 5(3) għal dawk "użati b'mod komuni" u fil-premessa 21 estendiet il-lista ta' eżempji ta' tali valuri ta' referenza. B'hekk, il-Presidenza ħadet kont tal-fatt li fl-aħħar laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali, kien għad hemm ħafna kummenti dwar dan is-suġġett. L-Istati Membri kienu talbu għal aktar ċarezza, filwaqt li xi Stati Membri appellaw biex jitħassru l-valuri ta' referenza ta' 50 % u 60 % u oħrajn riedu jerġgħu joqorbu lejn il-proposta tal-Kummissjoni, għalkemm ma kien hemm l-ebda maġġoranza għal kwalunkwe azzjoni.

---

5 *"Prinċipju 6: Pagi*

*a) Il-ħaddiema għandhom id-dritt għal pagi ġusti li jipprovdu standard ta' għajxien deċenti.*

b) *Għandhom jiġu żgurati pagi minimi adegwati, li jissodisfaw il-bżonnijiet tal-ħaddiema u tal-familja tagħhom fid-dawl tal-kundizzjonijiet ekonomiċi u soċjali nazzjonali, filwaqt li jiġu ssalvagwardjati l-aċċess għall-impjiegi u l-inċentivi biex wieħed ifittex xogħol. Għandu jiġi evitat il-faqar fost min għandu xogħol."*

L-obbligu għall-Istati Membri kollha li jaġġornaw il-pagi minimi statutorji tagħhom b'mod regolari u f'waqtu bl-użu tal-kriterji tagħhom kif stabbilit fl-Artikolu 5(1) u (2) ma ġiex immodifikat. Madankollu, sabiex titqies is-sitwazzjoni speċifika ta' diversi Stati Membri, li jużaw formola ta' indiċjar biex iżidu l-ammont tal-pagi minimi statutorji tagħhom bejn dawn l-aġġornamenti regolari, ġie miżjud paragrafu ġdid 2a u premessa ġdida (20a).

5) Varjazzjonijiet u tnaqqis (Artikolu 6, Artikolu 7(c), premessa 22)

Fil-premessa 22 sar aktar espliċitu li varjazzjonijiet u tnaqqis jistgħu f'ċerti każijiet jaffettwaw b'mod negattiv l-adegwatezza tal-pagi minimi statutorji u li għalhekk huwa importanti li jiġi evitat li jintużaw b'mod wiesa'. Sar ukoll aktar espliċitu li t-trattati jħallu l-kompetenza tal-iffissar tal-pagi minimi - u għalhekk anki li jittieħdu deċiżjonijiet dwar il-varjazzjonijiet u t-tnaqqis - f'idejn l-Istati Membri, li għandhom jirrispettaw il-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni u tal-proporzjonalità bħala prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni.

6) Akkwist pubbliku (Artikolu 9, premessa 24)

F'konformità mal-intenzjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tfakkar, f'dispożizzjoni ta' natura dikjaratorja, l-obbligi tad-direttivi dwar l-akkwist pubbliku sabiex tappoġġa u ssaħħaħ l-implimentazzjoni ta' dawk id-direttivi, il-presidenzi komplew jallinjaw l-artikolu u l-premessa mal-lingwaġġ ta' dawk id-direttivi.

7) Monitoraġġ u ġbir ta' data (Artikolu 10, premessa 25)

Id-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 10 dwar il-monitoraġġ u l-ġbir ta' data kienu ta' tħassib kbir għal ħafna Stati Membri, billi beżgħu li jkun hemm burokrazija żejda mingħajr valur miżjud ċar. Ta' tħassib partikolari kien l-obbligu li tiġi pprovduta data diżaggregata, u b'mod partikolari li tkun diżaggregata skont id-diżabbiltà, billi tali data rarament tinġabar – għal raġunijiet ta' privatezza. Wara skambji intensi li l-Presidenza u d-delegazzjonijiet kellhom mal-Kummissjoni Ewropea, it-test tal-Artikolu 10 ġie mmodifikat kif ġej sabiex jittieħed kont tat-tħassib tal-Istati Membri:

- Meta wieħed iqis li l-pagi minimi normalment ma jinbidlux drastikament minn sena għall-oħra, ħafna Stati Membri qiesu li l-obbligu ta' rappurtar kull sena kien piż bla bżonn. Għalhekk, dan inbidel għal rappurtar kull sentejn.

- Fil-premessa ġie ċċarat li l-Istati Membri jistgħu jagħżlu liema sorsi ta' data jużaw, u b'mod partikolari li jistgħu jużaw data nazzjonali, stħarriġiet kampjuni u stimi, jekk ma jkollhomx sorsi aħjar ta' data.

- L-obbligu li tiġi pprovduta data diżaggregata issa huwa akkumpanjat mis-salvagwardja li din id-data trid tiġi pprovduta biss jekk tkun disponibbli għall-Istat Membru.

- Id-deskrizzjoni tad-data li għandha tiġi pprovduta mill-Istati Membri ġiet ristrutturata għal raġunijiet editorjali. Sabiex jitħaffu l-obbligi ta' rappurtar u jittieħed kont ta' liema data hija disponibbli faċilment, saru l-aġġustamenti li ġejjin:

  - l-Istati Membri jeħtieġu jipprovdu biss deskrizzjoni tat-tnaqqis u l-varjazzjonijiet mill-pagi minimi statutorji;

  - għall-protezzjoni tal-paga minima li hija pprovduta biss permezz ta' ftehimiet kollettivi,

    - ir-rappurtar dwar il-pagi minimi fi ftehimiet kollettivi huwa limitat għar-rati tal-paga l-aktar baxxi stabbiliti minn ftehimiet kollettivi li jkopru lill-ħaddiema b'paga baxxa jew stima tagħhom u s-sehem tal-ħaddiema koperti minnhom,

    - ir-rappurtar dwar il-pagi tal-ħaddiema mhux koperti minn ftehimiet kollettivi jista' jiġi pprovdut fuq il-bażi ta' pagi mħallsa.

- Il-proposta tal-Kummissjoni kien fiha dispożizzjoni, li kienet tagħti b'mod espliċitu s-setgħa lill-Kummissjoni biex titlob lill-Istati Membri jipprovdu aktar data fuq bażi ta' każ b'każ. Din id-dispożizzjoni ma kinitx appoġġata. Meta wieħed iqis li l-Kummissjoni tista' dejjem titlob data skont il-prinċipju ġenerali ta' kooperazzjoni tajba, din id-dispożizzjoni tħassret.

- Fl-Artikolu 10(5), il-proposta tal-Kummissjoni pprevediet li l-Kumitat tal-Impjiegi għandu jwettaq kull sena eżami tal-promozzjoni tan-negozjar kollettiv dwar l-iffissar tal-pagi u tal-adegwatezza tal-pagi minimi fl-Istati Membri. Billi l-kompiti tal-Kumitat tal-Impjiegi jirriżultaw direttament mill-Artikolu 150 TFUE, u billi dik id-dispożizzjoni tagħti s-setgħa lill-Kunsill biex jadotta deċiżjoni li tistabbilixxi dak il-kumitat, din id-Direttiva ma għandhiex tispeċifika aktar dawk il-kompiti. Għalhekk, ir-referenza għall-eżami mill-Kumitat tal-Impjiegi tmexxiet għall-premessa, filwaqt li ġie mfakkar li, skont it-Trattat, il-Kunsill u l-Kummissjoni jistgħu jitolbu tali eżami. B'kont meħud tal-fatt li l-Kumitat tal-Impjiegi jittratta biss il-politiki dwar l-impjiegi (Titolu IX, Artikoli 143-150 TFUE), filwaqt li l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali jittratta l-politika soċjali (Titolu X, Artikoli 151-160 TFUE, inkluż il-kundizzjonijiet tax-xogħol – punt (b) tal-Artikolu 153(2)), dan tal-aħħar ġie miżjud fil-premessa.

8) <u>Informazzjoni għall-ħaddiema (Artikolu 10a (ġdid), premessa 25a (ġdida))</u>

Il-proposta tal-Kummissjoni kien fiha dispożizzjonijiet, fl-Artikolu 8(3) u fl-Artikolu 10(3), dwar kif il-ħaddiema jiġu infurmati dwar il-protezzjoni tal-paga minima li huma eliġibbli għaliha. Bil-ħsieb li t-test jiġi ssimplifikat, dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet ingħaqdu fl-Artikolu 10a l-ġdid.

9) <u>Dritt għal rimedju u penali (Artikoli 11 u 12, premessi 26 u 26a)</u>

Wara sejħa mid-delegazzjonijiet, ġie ċċarat li d-dritt għal rimedju u l-obbligu li jiġu applikati penali jikkonċernaw biss drittijiet relatati mal-protezzjoni tal-paga minima, li huma diġà stabbiliti taħt il-liġi nazzjonali. Fir-rigward tal-penali li għandhom jiġu adottati mill-Istati Membri għall-ksur tad-drittijiet relatati mal-pagi minimi, ġie ċċarat li l-penali kuntrattwali fir-regoli dwar l-infurzar tal-ftehimiet kollettivi huma biżżejjed għal konformità mal-Artikolu 12.

Fil-Coreper tal-24 ta' Novembru 2021 maġġoranza wiesgħa tad-delegazzjonijiet appoġġaw il-ħidma li saret mill-Presidenza u qablu mal-Presidenza li t-test li ppreżentat jirrifletti ċ-ċentru ta' gravità tal-Kunsill. Bosta delegazzjonijiet insistew li ma għandha ssir l-ebda bidla oħra għat-test peress li dan jirrappreżenta bilanċ delikat mingħajr marġini ulterjuri għal aġġustament. Id-delegazzjonijiet qablu li t-test huwa matur biżżejjed biex jintbagħat lill-Kunsill EPSCO għal diskussjoni u qbil, filwaqt li DK biss indikat li ser tivvota kontra.

Riżervi pendenti

Riżervi ta' skrutinju ġenerali: AT, DE, EE, FI, HU, PL, RO, SE

Riżervi parlamentari: NL

## III. KONKLUŻJONI

Il-Kunsill (EPSCO) huwa mistieden jimmarka l-qbil tiegħu dwar it-test (approċċ ġenerali) kif jinsab fl-anness għal dan ir-rapport u jagħti mandat lill-Presidenza biex tibda negozjati dwar dan il-fajl mar-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni.

**ANNESS**

2020/0310 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar qafas għal pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 153(2), flimkien mal-punt (b) tal-Artikolu 153(1) tiegħu

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[6],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[7],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-għanijiet tal-Unjoni huma, fost l-oħrajn, li tippromwovi l-benesseri tal-popli tagħha u li taħdem għall-iżvilupp sostenibbli tal-Ewropa bbażat fuq ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna.

---

6 ĠU C , , p. .
7 ĠU C , , p. .

(2) L-Artikolu 31 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea[8] jipprevedi d-dritt ta' kull ħaddiem għal kundizzjonijiet tax-xogħol li jirrispettaw is-saħħa, is-sigurtà u d-dinjità tiegħu.

(3) Il-Karta Soċjali Ewropea tistabbilixxi li l-ħaddiema kollha għandhom id-dritt għal kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti. Tirrikonoxxi, b'mod partikolari, id-dritt tal-ħaddiema kollha għal remunerazzjoni ġusta suffiċjenti għal livell ta' għajxien deċenti għalihom infushom u għall-familji tagħhom, id-dritt tal-ħaddiema u tal-impjegaturi kollha għal libertà ta' assoċjazzjoni f'organizzazzjonijiet nazzjonali jew internazzjonali għall-protezzjoni tal-interessi ekonomiċi u soċjali tagħhom u d-dritt li jinnegozjaw b'mod kollettiv.

(4) Il-Kapitolu II tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ipproklamat f'Gothenburg fis-17 ta' Novembru 2017, jistabbilixxi sett ta' prinċipji biex iservu ta' gwida lejn l-iżgurar ta' kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti. Il-prinċipju Nru 6 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jafferma mill-ġdid id-dritt tal-ħaddiema għal pagi ġusti li jipprovdu standard tal-għajxien deċenti. Jipprevedi wkoll li pagi minimi adegwati għandhom ikunu żgurati, b'mod li dawn jissodisfaw il-bżonnijiet tal-ħaddiema u tal-familji tagħhom, filwaqt li jissalvagwardjaw l-aċċess għall-impjiegi u l-inċentivi li jfittxu xogħol. Barra minn hekk, ifakkar li l-faqar fost min għandu xogħol għandu jiġi prevenut u li l-pagi kollha għandhom jiġu ffissati b'mod trasparenti u prevedibbli skont il-prattiki nazzjonali u b'rispett għall-awtonomija tas-sħab soċjali.

8 Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea 2012/C 326/02 ĠU C326/391 tas-26.10.2012.

(5) Il-Linja Gwida 5 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2020/1512/UE dwar linji gwida għal-linji politiċi dwar l-impjiegi tal-Istati Membri[9] titlob lill-Istati Membri biex jiżguraw involviment effettiv tas-sħab soċjali fl-iffissar tal-pagi, jipprovdu pagi ġusti li jippermettu standard tal-għajxien deċenti u jippermettu rispons adegwat tal-pagi għall-iżviluppi fil-produttività, bl-għan li jkun hemm konverġenza 'l fuq. Il-Linja Gwida titlob ukoll lill-Istati Membri biex jippromwovu d-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv dwar l-iffissar tal-pagi. Hi titlob ukoll lill-Istati Membri u lis-sħab soċjali biex jiżguraw li l-ħaddiema kollha jkollhom pagi adegwati u ġusti billi jibbenefikaw minn ftehimiet kollettivi jew pagi minimi statutorji adegwati, u filwaqt li jitqies l-impatt tagħhom fuq il-kompetittività, il-ħolqien tal-impjiegi u l-faqar fost dawk li jaħdmu. L-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli tal-2021[10] tiddikjara li l-Istati Membri jenħtieġ li jadottaw miżuri biex jiżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti. Barra minn hekk, l-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli 2020[11] fakkret li fil-kuntest ta' firdiet soċjali dejjem jikbru, hu importanti li jiġi żgurat li kull ħaddiem jaqla' paga ġusta. Inħarġu wkoll diversi Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi lil xi Stati Membri fil-qasam tal-pagi minimi.

(6) Kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien aħjar, inkluż permezz ta' pagi minimi adegwati, huma ta' benefiċċju kemm lill-ħaddiema kif ukoll lin-negozji fl-Unjoni u huma prerekwiżit biex jinkiseb tkabbir inklużiv u sostenibbli. L-indirizzar ta' differenzi kbar fil-kopertura u l-adegwatezza tal-protezzjoni tal-paga minima jikkontribwixxi għat-titjib tal-ġustizzja tas-suq tax-xogħol tal-UE u jippromwovi progress ekonomiku u soċjali u konverġenza 'l fuq. Il-kompetizzjoni fis-Suq Uniku jenħtieġ li tkun ibbażata fuq standards soċjali għoljin, innovazzjoni u titjib fil-produttività, filwaqt li jiżguraw kundizzjonijiet ekwi.

---

9 Deċiżjoni tal-Kunsill 2020/1512/UE tat-13 ta' Ottubru 2020 dwar il-linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri (ĠU L 344, 19.10.2020, p. 22–28).

10 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2020) 575 final.

11 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2019) 650 final.

(7) Meta jiġu ffissati f'livelli adegwati, il-pagi minimi jipproteġu d-dħul ta' ħaddiema żvantaġġati, jgħinu biex jiġi żgurat għajxien deċenti, u jillimitaw it-tnaqqis fid-dħul matul żminijiet ħżiena. Il-pagi minimi jikkontribwixxu għas-sostenn tad-domanda domestika, isaħħu l-inċentivi għax-xogħol, inaqqsu l-inugwaljanzi fil-pagi u l-faqar fost dawk li jaħdmu.

(8) Hemm probabbiltà ogħla li l-ħaddiema nisa, żgħażagħ u dawk b'livell baxx ta' ħiliet u l-persuni b'diżabilità jaqilgħu paga minima jew paga baxxa minn gruppi oħra ta' ħaddiema. F'perjodi ta' tnaqqis fir-ritmu ekonomiku, bħall-kriżi tal-COVID-19, ir-rwol tal-pagi minimi fil-protezzjoni tal-ħaddiema b'paga baxxa qed isir dejjem aktar importanti u huwa essenzjali li jiġi appoġġjat irkupru ekonomiku sostenibbli u inkluživ. L-indirizzar tal-paga minima jikkontribwixxi għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inaqqas id-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi u fil-pensjonijiet kif ukoll joħroġ lin-nisa mill-faqar.

(9) Il-pandemija tal-COVID-19 qed ikollha impatt sinifikanti fuq is-settur tas-servizzi u l-kumpaniji ż-żgħar, li t-tnejn li huma għandhom sehem għoli ta' ħaddiema li jaqilgħu il-paga minima. Barra minn hekk, il-pagi minimi huma importanti wkoll fid-dawl tax-xejriet strutturali li qed isawru mill-ġdid is-swieq tax-xogħol u li huma kkaratterizzati dejjem aktar minn sehem għoli ta' xogħol mhux standard u prekarju. Dawn ix-xejriet wasslu għal żieda fil-polarizzazzjoni tal-impjiegi li tirriżulta f'sehem dejjem jikber ta' impjiegi b'pagi baxxi u b'livell baxx ta' ħiliet fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, kif ukoll għal inugwaljanza akbar fil-pagi f'xi wħud minnhom.

(10) Għalkemm il-protezzjoni tal-paga minima teżisti fl-Istati Membri kollha, f'xi wħud minnhom din il-protezzjoni ġejja minn dispożizzjonijiet leġiżlattivi jew amministrattivi u permezz ta' ftehimiet kollettivi filwaqt li f'oħrajn hija pprovduta esklużivament permezz ta' ftehimiet kollettivi.

(11) Il-protezzjoni tal-paga minima ffissata permezz ta' ftehimiet kollettivi f'impjiegi b'paga baxxa fil-biċċa l-kbira tal-każijiet hija adegwata; il-pagi minimi statutorji huma baxxi meta mqabbla ma' pagi oħrajn fl-ekonomija f'diversi Stati Membri. Fl-2018, il-paga minima statutorja nazzjonali ma kinitx tipprovdi dħul biżżejjed għal persuna waħda b'paga minima biex tilħaq il-limitu tar-riskju ta' faqar f'disa' Stati Membri. Barra minn hekk, l-użu ta' rati ta' paga minima mnaqqsa (varjazzjonijiet) u t-tnaqqis mill-pagi minimi statutorji jaffettwaw b'mod negattiv l-adegwatezza tagħhom.

(12) Mhux il-ħaddiema kollha fl-Unjoni huma protetti b'mod effettiv minn pagi minimi, għaliex f'xi Stati Membri xi ħaddiema, għalkemm huma koperti, fil-prattika jirċievu remunerazzjoni taħt il-paga minima statutorja minħabba n-nuqqas ta' rispett tar-regoli eżistenti. B'mod partikolari, instab li dan in-nuqqas ta' konformità jaffettwa l-aktar lin-nisa, lill-ħaddiema żgħażagħ, lill-persuni b'diżabilità u lill-ħaddiema agrikoli. Fi Stati Membri fejn il-protezzjoni tal-paga minima hi pprovduta biss permezz ta' ftehimiet kollettivi, is-sehem tal-ħaddiema mhux koperti huwa stmat li jvarja minn 2 % sa 55 % tal-ħaddiema kollha.

(13) Filwaqt li negozjar kollettiv b'saħħtu jikkontribwixxi biex tiġi żgurata protezzjoni adegwata tal-paga minima, f'dawn l-aħħar deċennji l-istrutturi tradizzjonali tan-negozjar kollettiv tnaqqru, parzjalment minħabba bidliet strutturali fl-ekonomija lejn setturi inqas junjonizzati u minħabba t-tnaqqis fis-sħubija fil-unions relatat maż-żieda ta' forom ta' xogħol atipiċi u ġodda.

(14) Il-Kummissjoni kkonsultat lill-maniġment u lill-ħaddiema fi proċess f'żewġ fażijiet fir-rigward ta' azzjoni possibbli biex jiġu indirizzati l-isfidi relatati mal-protezzjoni ta' pagi minimi adegwati fl-Unjoni, skont l-Artikolu 154 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Ma kien hemm ebda ftehim bejn is-sħab soċjali biex jidħlu f'negozjati fir-rigward ta' dawn il-kwistjonijiet. Madankollu, hu importanti li tittieħed azzjoni fil-livell tal-Unjoni biex jiġi promoss li l-ħaddiema fl-Unjoni jkunu protetti b'pagi minimi adegwati, filwaqt li jitqiesu l-eżiti tal-konsultazzjoni tas-sħab soċjali.

(15) Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas fil-livell tal-Unjoni li jippromwovi livell adegwat ta' pagi minimu, negozjar kollettiv fuq l-iffissar tal-pagi, b'mod partikolari għall-benefiċċju ta' dawk li jaqilgħu paga baxxa, u aċċess effettiv tal-ħaddiema għall-protezzjoni tal-paga minima sal-grad li l-pagi minimi jeżistu fil-forma ta' pagi minimi statutorji jew fil-forma ta' pagi ffissati skont ftehimiet kollettivi.

(16) B'rispett sħiħ tal-kompetenzi tal-Istati Membri ppreservati mill-Artikolu 153(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, din id-Direttiva la għandha l-għan li tarmonizza l-livell tal-pagi minimi fl-Unjoni kollha u lanqas li tistabbilixxi mekkaniżmu uniformi għall-iffissar tal-pagi minimi. Hi ma tinterferixxix mal-libertà tal-Istati Membri li jiffissaw pagi minimi statutorji jew jippromwovu l-aċċess għall-protezzjoni tal-paga minima pprovduta permezz ta' ftehimiet kollettivi, skont il-liġijiet, il-prattiki u l-ispeċifiċitajiet ta' kull pajjiż u b'rispett sħiħ tal-kompetenzi nazzjonali u l-libertà kuntrattwali tas-sħab soċjali. Hi ma tinterferixxix mal-libertà tal-Istati Membri li jiffissaw pagi minimi statutorji jew jippromwovu l-aċċess għall-protezzjoni tal-paga minima pprovduta permezz ta' ftehimiet kollettivi, skont il-liġijiet, il-prattiki u l-ispeċifiċitajiet ta' kull pajjiż u b'rispett sħiħ tal-kompetenzi nazzjonali u l-libertà kuntrattwali tas-sħab soċjali. Ukoll, din id-Direttiva ma tistabbilixxix il-livell tal-paga, li jaqa' fi ħdan il-libertà kuntrattwali tas-sħab soċjali fil-livell nazzjonali u fi ħdan il-kompetenza rilevanti tal-Istati Membri.

(17) Filwaqt li jiġi rispettat ir-Regolament (KE) 593/2008 tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I), din id-Direttiva jenħtieġ li tapplika fir-rigward tal-ħaddiema li għandhom kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg kif definit mil-liġi, minn ftehimiet kollettivi jew minn prattika fis-seħħ f'kull Stat Membru, billi jiġu kkunsidrati l-kriterji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għad-determinazzjoni tal-istatus ta' ħaddiem. Diment li jissodisfaw dawn il-kriterji, il-ħaddiema domestiċi, il-ħaddiema fuq talba, il-ħaddiema intermittenti, il-ħaddiema li jitħallsu bil-vawċers, il-ħaddiema b'impjieg indipendenti fittizju, il-ħaddiema tal-pjattaformi, it-trainees u l-apprendisti jistgħu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

(17a.-ġdid) Il-persuni li ġenwinament jaħdmu għal rashom ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva peress li ma jissodisfawx dawk il-kriterji. L-abbuż tal-istatus ta' persuni li jaħdmu għal rashom, kif definit fil-liġi nazzjonali, sew fil-livell nazzjonali jew f'sitwazzjonijiet transkonfinali, huwa forma ta' xogħol iddikjarat b'mod falz li sikwit ikun assoċjat ma' xogħol mhux iddikjarat. Impjieg indipendenti fittizju jseħħ meta persuna tkun iddikjarata bħala impjegata għal rasha filwaqt li tissodisfa l-kundizzjonijiet li jikkaratterizzaw relazzjoni ta' impjieg, sabiex jiġu evitati ċerti obbligi legali jew fiskali. Dawn il-persuni jenħtieġ jiġu koperti mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Id-determinazzjoni tal-eżistenza ta' relazzjoni ta' impjieg jenħtieġ li tkun iggwidata mill-fatti relatati mat-twettiq effettiv tax-xogħol u mhux mid-deskrizzjoni mill-partijiet tar-relazzjoni.

(17b.-ġdid) Din id-Direttiva tqis li l-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu, 2006, kif emendata, tistabbilixxi mekkaniżmu li jiffissa l-paga minima fir-rigward tal-baħħara. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, id-deċiżjonijiet tal-Korp Governattiv tal-Uffiċċju Internazzjonali tax-Xogħol li jirriżultaw minn tali mekkaniżmu tal-iffissar tal-pagi minimi u mpoġġija fil-prattika minn Stat Membru, jenħtieġ li jitqiesu bħala ftehimiet kollettivi.

(18) Negozjar kollettiv dwar l-iffissar tal-pagi li jiffunzjona tajjeb huwa mezz importanti biex jiġi żgurat li l-ħaddiema jkunu protetti b'pagi minimi adegwati. Fl-Istati Membri b'pagi minimi statutorji, in-negozjar kollettiv jappoġġja l-iżviluppi ġenerali fil-pagi u għalhekk jikkontribwixxi għat-titjib tal-adegwatezza tal-pagi minimi. Fl-Istati Membri fejn il-protezzjoni tal-paga minima hija pprovduta esklużivament permezz ta' negozjar kollettiv, il-livell tagħha kif ukoll is-sehem ta' ħaddiema protetti huma determinati direttament mill-funzjonament tas-sistema ta' negozjar kollettiv u l-kopertura tan-negozjar kollettiv. Negozjar kollettiv b'saħħtu u li jiffunzjona tajjeb flimkien ma' kopertura għolja ta' ftehimiet kollettivi settorjali jew transindustrijali jsaħħu l-adegwatezza u l-kopertura tal-pagi minimi.

(19) F'kuntest ta' tnaqqis fil-kopertura tan-negozjar kollettiv, huwa essenzjali li l-Istati Membri jippromwovu negozjar kollettiv u b'hekk itejbu l-iffissar tal-pagi previst minn ftehimiet kollettivi biex itejbu l-protezzjoni tal-paga minima tal-ħaddiema. Stati Membri b'kopertura għolja ta' negozjar kollettiv għandhom it-tendenza li jkollhom sehem baxx ta' ħaddiema b'pagi baxxi u għandhom pagi minimi għoljin. Stati Membri b'sehem żgħir ta' dawk li jaqilgħu paga baxxa għandhom rata ta' kopertura ta' negozjar 'il fuq minn 70 %. Bl-istess mod, il-maġġoranza tal-Istati Membri b'livelli għoljin ta' pagi minimi meta mqabbla mal-paga medjana għandhom kopertura ta' negozjar kollettiv ta' aktar minn 70 %. Għalhekk, l-Istati Membri b'rata ta' kopertura tan-negozjar kollettiv ta' inqas minn 70 % jenħtieġ li jadottaw miżuri bil-ħsieb li jsaħħu tali negozjar kollettiv. Madankollu, sabiex tiġi rispettata l-awtonomija tas-sħab soċjali, li tinkludi d-dritt tagħhom għal negozjar kollettiv u teskludi kwalunkwe obbligu li jiġu konklużi ftehimiet kollettivi, il-limitu ta' 70 % tal-kopertura tan-negozjar kollettiv jenħtieġ li ma jitqiesx bħala objettiv, iżda jintuża biss bħala indikatur li jiskatta l-obbligi li jiġi previst qafas ta' proċeduri faċilitattivi u arranġamenti istituzzjonali li jippermettu l-kondizzjonijiet għan-negozjar kollettiv kif ukoll biex jiġi stabbilit pjan ta' azzjoni. Tali pjan jista' jieħu kwalunkwe forma u seta' ġie adottat qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, diment li jkun fih azzjonijiet li jistinkaw biex jippromwovu b'mod effettiv in-negozjar kollettiv u jkun ġie stabbilit f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali.

(20) Hemm bżonn ta' regoli, proċeduri u prattiki sodi għall-iffissar u l-aġġornament tal-pagi minimi statutorji, biex ikunu pprovduti pagi minimi adegwati, filwaqt li jiġu salvagwardjati l-impjiegi u l-kompetittività tal-kumpaniji inklużi l-intrapriżi żgħar u medji. Huma jinkludu għadd ta' komponenti biex jippreservaw l-adegwatezza tal-pagi minimi statutorji, inkluż kriterji biex jiggwidaw l-Istati Membri fl-iffissar u l-aġġornament tal-pagi minimi u indikaturi għall-valutazzjoni tal-adegwatezza tagħhom, aġġornamenti regolari u f'waqthom, l-eżistenza ta' korpi konsultattivi u l-involviment ta' sħab soċjali. Involviment f'waqtu u effettiv ta' dawn tal-aħħar fl-iffissar u fl-aġġornament tal-pagi minimi statutorji kif ukoll fl-istabbiliment jew il-modifika ta' formuli ta' indiċjar awtomatiku, fejn dawn jeżistu, huwa element ieħor ta' governanza tajba li jippermetti proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet infurmat u inklużiv.

(20a-ġdid) L-Istati Membri li jużaw mekkaniżmu ta' indiċjar awtomatiku, inkluż mekkaniżmi semiawtomatiċi li fihom hija garantita żieda obbligatorja minima tal-paga minima, jenħtieġ li jiżguraw li, jekk tali mekkaniżmu jkun parti mill-qafas tagħhom, il-qafas jeħtieġ ukoll aġġornamenti f'waqthom għall-paga minima statutorja f'intervalli regolari sabiex ikompli jippromwovi l-adegwatezza tagħha. Dawn l-aġġornamenti regolari jenħtieġ li jikkonsistu f'evalwazzjoni tal-paga minima filwaqt li jitqiesu l-kriterji ta' gwida, segwiti, jekk ikun meħtieġ, minn modifika tal-ammont. Il-frekwenza tal-indiċjar awtomatiku minn naħa waħda u l-aġġornamenti tal-pagi minimi statutorji min-naħa l-oħra jistgħu jvarjaw.

(21) Il-pagi minimi huma meqjusin bħala adegwati jekk ikunu ġusti fir-rigward tad-distribuzzjoni tal-pagi fil-pajjiż u jekk jipprovdu standard ta' għajxien deċenti. L-adegwatezza tal-pagi minimi statutorji hija ddeterminata u vvalutata minn kull Stat Membru fid-dawl tal-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi nazzjonali tiegħu, inkluż it-tkabbir fl-impjiegi, il-kompetittività kif ukoll l-iżviluppi reġjonali u settorjali, filwaqt li jittieħed kont tal-kapaċità tal-akkwist, il-livelli tal-produttività u l-iżviluppi kif ukoll il-livelli tal-pagi, id-distribuzzjoni u t-tkabbir tagħhom. L-użu ta' indikaturi u valuri ta' referenza assoċjati jistgħu jgħinu lil kull Stat Membru billi jiggwidaw il-valutazzjoni tiegħu tal-adegwatezza tal-paga minima. Jenħtieġ li dawn jintgħażlu mill-Istati Membri fost l-indikaturi użati b'mod komuni fil-livell internazzjonali u, kif xieraq, l-indikaturi użati b'mod komuni fil-livell nazzjonali. Jistgħu jinkludu valuri ta' referenza użati b'mod komuni fil-livell internazzjonali, bħall-proporzjon tal-paga minima grossa sa 60 % tal-paga medjana grossa, il-proporzjon tal-paga minima grossa sa 50 % tal-paga medja gross u l-proporzjon tal-paga minima netta sa 50 % jew 60 % tal-paga medja netta, u valuri ta' referenza assoċjati mal-indikaturi użati b'mod komuni fil-livell nazzjonali, bħat-tqabbil tal-paga minima netta mal-livell limitu tal-faqar u l-kapaċità tal-akkwist tal-pagi minimi.

(22) Jenħtieġ li l-Istati Membri jinvolvu lis-sħab soċjali f'każ li jistabbilixxu livelli differenti ta' pagi minimi statutorji (varjazzjonijiet) jew jippermettu tnaqqis tar-remunerazzjoni mħallsa skont il-livell tal-paga minima statutorja (tnaqqis). Mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri li jiffissaw il-paga minima u varjazzjonijiet u tnaqqis possibbli, sabiex tiġi promossa l-adegwatezza tal-pagi minimi, huwa importanti li jiġi evitat li l-varjazzjonijiet u t-tnaqqis jintużaw b'mod mifrux u li jkun assigurat li dawn jirrispettaw il-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni u ta' proporzjonalità. Xi tnaqqis fil-pagi minimi statutorji jista' jkun xieraq għaliex iservi għan leġittimu, inkluż ammonti sopravvalutati mħallsa jew tnaqqis ordnat minn awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva. Xi tnaqqis fil-pagi minimi statutorji jista' jkun xieraq għaliex iservi għan leġittimu, inkluż ammonti sopravvalutati mħallsa jew tnaqqis ordnat minn awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva.

(23) Sistema effettiva ta' infurzar, inklużi kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, hi neċessarja biex tiżgura l-funzjonament tal-oqfsa nazzjonali tal-paga minima statutorja. Biex tissaħħaħ l-effettività tal-awtoritajiet tal-infurzar, hi meħtieġa wkoll kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali, inkluż biex jiġu indirizzati sfidi kritiċi bħal dawk relatati mas-sottokuntrattar, il-ħaddiema b'impjieg indipendenti fittizju jew is-sahra mhux irreġistrata.

(24) L-implimentazzjoni effettiva tal-protezzjoni tal-paga minima ffissata permezz ta' dispożizzjonijiet legali jew ipprovduta permezz ta' ftehimiet kollettivi hija essenzjali fit-twettiq tal-kuntratti ta' akkwist pubbliku u ta' konċessjoni. In-nuqqas ta' rispett tal-ftehimiet kollettivi li jipprovdu l-protezzjoni tal-paga minima f'settur speċifiku jista' tabilħaqq iseħħ fl-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti jew fil-katina tas-sottokuntrattar minn hemm 'il quddiem, li jirriżulta f'ħaddiem li jitħallsu inqas mil-livell ta' paga miftiehem fil-ftehimiet kollettivi. Biex jiġu evitati sitwazzjonijiet bħal dawn, huwa importanti, li l-awtoritajiet kontraenti tal-akkwist pubbliku jiżguraw f'konformità mal-Artikoli 18(2) u 71(1) tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-akkwist pubbliku[12], l-Artikoli 36(2) u 88(1) tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[13] dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u l-Artikoli 30(3) u 42(1) tad-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[14] dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni li l-operaturi ekonomiċi japplikaw għall-ħaddiema tagħhom il-pagi ffissati permezz tal-ftehimiet kollettivi għas-settur u għaż-żona ġeografika rilevanti biex jikkonformaw ma' obbligi applikabbli fil-qasam tal-liġi tax-xogħol, madankollu mingħajr ma din id-Direttiva toħloq xi obbligu addizzjonali fir-rigward ta' dawk id-Direttivi.

[12] Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).
[13] Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243).
[14] Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1).

(25) Monitoraġġ affidabbli u l-ġbir tad-data huma kruċjali biex jiġu mmappjati l-iżviluppi tal-pagi minimi. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu l-mod kif jiġbru d-data. B'mod partikolari, huma jistgħu jserrħu fuq kampjuni ta' stħarriġiet rappreżentattivi biżżejjed, bażijiet ta' data nazzjonali, data armonizzata tal-UE mill-Eurostat u sorsi oħra aċċessibbli għall-pubbliku bħall-OECD. Meta d-data rilevanti ma tkunx disponibbli faċilment, huma jistgħu jużaw stimi. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrapporta kull sentejn lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-analiżi tagħha tal-iżviluppi fl-adegwatezza u l-kopertura tal-pagi minimi abbażi tad-data u l-informazzjoni li għandhom jiġu pprovduti mill-Istati Membri. Barra minn dan, il-progress jenħtieġ li jiġi mmonitorjat fil-qafas tal-proċess tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika u tal-impjiegi fil-livell tal-Unjoni. Il-Kunsill jew il-Kummissjoni jistgħu jitolbu lill-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, f'konformità mal-Artikoli 150 u 160 TFUE rispettivament, biex jeżaminaw fil-qasam ta' kompetenza rispettiv tagħhom il-promozzjoni ta' negozjar kollettiv fuq l-iffissar tal-pagi u l-adegwatezza tal-pagi minimi fl-Istati Membri abbażi tar-rapport prodott mill-Kummissjoni u għodod oħra ta' sorveljanza multilaterali bħall-valutazzjoni komparattiva.

(25a.-ġdid) Il-ħaddiema jenħtieġ li jkollhom aċċess faċli għal informazzjoni xierqa dwar il-pagi minimi applikabbli biex jiġi żgurat livell adegwat ta' trasparenza u prevedibbiltà fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom.

(26) Il-ħaddiema jenħtieġ li jkunu f'pożizzjoni li jeżerċitaw id-drittijiet tad-difiża tagħhom meta jinkisru d-drittijiet tagħhom relatati mal-protezzjoni tal-paga minima ffissata skont il-liġi nazzjonali. Sabiex jiġi evitat li l-ħaddiema jiġu mċaħħda mid-drittijiet tagħhom, f'każ li jeżistu skont il-liġi nazzjonali, u mingħajr preġudizzju għal forom speċifiċi ta' rimedju u soluzzjoni tat-tilwim previsti fil-ftehimiet kollettivi, inklużi sistemi ta' soluzzjoni tat-tilwim kollettiv, l-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li jkollhom aċċess għal soluzzjoni tat-tilwim effettiva u imparzjali u dritt għal rimedju, kif ukoll protezzjoni effettiva minn kwalunkwe forma ta' detriment f'każ li jiddeċiedu li jeżerċitaw id-drittijiet tad-difiża tagħhom.

(26a.-ġdid) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu regoli dwar il-penali f'każ ta' ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jipprevedu pagi minimi li jirriżultaw mil-liġi nazzjonali jew mill-ftehimiet kollettivi. Dawk ir-regoli jistgħu jinkludu jew ikunu limitati għal riferiment għal kumpens u/jew penali kuntrattwali previsti, fejn applikabbli, fir-regoli dwar l-infurzar ta' ftehimiet kollettivi.

(27) Il-Kummissjoni jenħtieġ li twettaq evalwazzjoni li tipprovdi l-bażi għal rieżami dwar l-implimentazzjoni effettiva ta' din id-Direttiva. Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew jenħtieġ li jiġu infurmati bir-riżultati ta' tali rieżami.

(28) Ir-riformi u l-miżuri adottati mill-Istati Membri biex jippromwovu protezzjoni adegwata tal-paga minima tal-ħaddiema, filwaqt li huma passi fid-direzzjoni t-tajba, ma kinux dejjem komprensivi u sistematiċi. Barra minn hekk, jekk tittieħed azzjoni fil-livell tal-UE, din tista' tikkontribwixxi għal aktar titjib fil-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol fl-Unjoni u tista' ttaffi t-tħassib possibbli dwar l-impatti ekonomiċi negattivi li jirriżultaw minn miżuri iżolati tal-Istati Membri biex itejbu l-adegwatezza u l-kopertura tal-pagi minimi. Minħabba li l-għanijiet ta' din id-Direttiva ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu, minħabba l-iskala jew l-effetti tagħhom, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-istess Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-għanijiet.

(29) Din id-Direttiva tistabbilixxi rekwiżiti minimi għal qafas proċedurali, u għalhekk tħalli l-prerogattiva tal-Istati Membri sabiex jintroduċu u jżommu dispożizzjonijiet iktar favorevoli l-istess. Id-drittijiet akkwistati skont il-qafas legali nazzjonali eżistenti jenħtieġ li jkomplu japplikaw, diment li ma jkunux introdotti dispożizzjonijiet aktar favorevoli minn din id-Direttiva. L-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva ma tistax tintuża biex jitnaqqsu d-drittijiet eżistenti għall-ħaddiema, u lanqas ma tista' tikkostitwixxi raġunijiet validi għat-tnaqqis tal-livell ġenerali ta' protezzjoni mogħtija lill-ħaddiema fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

(30) Fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva l-Istati Membri jenħtieġ li jevitaw li jimponu restrizzjonijiet amministrattivi, finanzjarji u legali b'tali mod li jżommu lura l-ħolqien u l-iżvilupp tal-mikrointrapriżi, dawk żgħar u medji. L-Istati Membri huma għalhekk mistiedna jevalwaw l-impatt tal-att ta' traspożizzjoni tagħhom fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju biex jiżguraw li dawn ma jiġux affettwati b'mod sproporzjonat, filwaqt li tingħata attenzjoni speċifika lill-mikrointrapriżi u lill-piż amministrattiv, u jippubblikaw ir-riżultati ta' dawn il-valutazzjonijiet. Jekk jinstab li l-mikrointrapriżi, l-intrapriżi żgħar u medji huma affettwati b'mod sproporzjonat, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li jintroduċu miżuri biex jappoġġjaw lil dawn l-intrapriżi biex jaġġustaw l-istrutturi ta' remunerazzjoni tagħhom għar-rekwiżiti l-ġodda.

(31) L-Istrument ta' Appoġġ Tekniku[15] u l-Fond Soċjali Ewropew Plus[16] huma disponibbli għall-Istati Membri biex jiżviluppaw jew itejbu l-aspetti tekniċi tal-oqfsa tal-paga minima, inkluż dwar il-valutazzjoni tal-adegwatezza, il-monitoraġġ u l-ġbir ta' data, it-twessigħ tal-aċċess, kif ukoll dwar l-infurzar u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet ġenerali relatati mal-implimentazzjoni tal-oqfsa msemmija.

---

15 Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Mejju 2020 dwar l-istabbiliment tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku, COM (2020) 409 final

16 Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Soċjali Ewropew Plus, COM/2018/382 final.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*

Suġġett

1. Bil-għan li jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien fl-Unjoni, b'mod partikolari l-adegwatezza tal-pagi minimi, din id-Direttiva tistabbilixxi qafas għal:

(a) il-promozzjoni ta' livelli adegwati ta' pagi minimi statutorji;

(aa-ġdid) il-promozzjoni ta' negozjar kollettiv dwar l-iffissar tal-pagi;

(b) it-titjib fl-aċċess effettiv tal-ħaddiema għal protezzjoni tal-paga minima […] fejn din teżisti.

1a(ġdid). Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri li jiffissaw il-livell tal-pagi minimi u għar-rispett sħiħ tal-awtonomija tas-sħab soċjali, kif ukoll għad-dritt tagħhom li jinnegozjaw u jikkonkludu ftehimiet kollettivi.

2. Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-għażla tal-Istati Membri li jiffissaw pagi minimi statutorji, li jippromwovu l-aċċess għall-protezzjoni tal-paga minima pprovduta permezz ta' ftehimiet kollettivi jew li jikkombinaw dawn iż-żewġ approċċi.

3. Xejn f'din id-Direttiva ma għandu jinftiehem li jimponi obbligu

(a) fuq l-Istati Membri fejn l-iffissar tal-paga huwa żgurat esklużivament permezz ta' ftehimiet kollettivi biex jintroduċu paga minima statutorja,

(b) fuq kwalunkwe Stat Membru biex jagħmel kwalunkwe ftehim kollettiv applikabbli universalment.

*Artikolu 2*

Kamp ta' applikazzjoni

Din id-Direttiva għandha tapplika fir-rigward ta' ħaddiema fl-Unjoni li għandhom kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg kif definit mil-liġi, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattika fis-seħħ f'kull Stat Membru, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 3*

Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "paga minima" tfisser ir-remunerazzjoni minima li impjegatur hu mitlub iħallas lill-ħaddiema, skont id-dritt nazzjonali jew ftehimiet kollettivi, għax-xogħol imwettaq matul perijodu partikolari, ikkalkulata fuq il-bażi ta' żmien jew ta' output;

(2) "paga minima statutorja" tfisser paga minima ffissata mil-liġi, jew dispożizzjonijiet legali vinkolanti oħra, bl-esklużjoni ta' dawk il-pagi minimi ffissati minn ftehim kollettiv li jsir applikabbli b'mod universali mingħajr ebda diskrezzjoni tal-awtorità li tadotta fir-rigward tal-kontenut tad-dispożizzjonijiet applikabbli;

(3) "negozjar kollettiv" tfisser in-negozjati kollha li jsiru skont il-liġi u l-prattiki nazzjonali f'kull Stat Membru bejn impjegatur, grupp ta' impjegaturi jew organizzazzjoni tal-impjegaturi waħda jew aktar, fuq naħa waħda, u organizzazzjoni tal-ħaddiema waħda jew aktar, fuq in-naħa l-oħra, biex jiġu ddeterminati l-kundizzjonijiet tax-xogħol u t-termini tal-impjieg; u/jew ir-regolamentazzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-impjegaturi u l-ħaddiema; u/jew ir-regolamentazzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-impjegaturi jew l-organizzazzjonijiet tagħhom u organizzazzjoni jew organizzazzjonijiet tal-ħaddiema, magħmula bl-intenzjoni li jirriżultaw fi ftehim kollettiv;

(4) "ftehim kollettiv" tfisser kwalunkwe ftehim bil-miktub dwar il-kondizzjonijiet tax-xogħol u t-termini tal-impjieg konkluż mill-partijiet imsemmija fil-paragrafu 3, inkluż dawk li jsiru applikabbli b'mod universali.

Arranġament għall-iffissar tal-paga minima adottat skont il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu u mdaħħal fis-seħħ minn Stat Membru, għandu jitqies bħala ftehim kollettiv f'dak l-Istat Membru.

(5) "kopertura tan-negozjar kollettiv" tfisser is-sehem ta' ħaddiema fil-livell nazzjonali li għalihom japplika ftehim kollettiv, ikkalkulat bħala l-proporzjon:

a) tal-għadd ta' ħaddiema koperti minn ftehimiet kollettivi, inkluż dawk il-ftehimiet li ma fihomx dispożizzjonijiet dwar il-pagi,

b) mill-għadd ta' ħaddiema li l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom jistgħu jiġu rregolati minn ftehimiet kollettivi f'konformità mal-liġijiet u l-prattiki nazzjonali.

*Artikolu 4*

Promozzjoni ta' negozjar kollettiv dwar l-iffissar tal-pagi

1. Bil-għan li jżidu l-kopertura tan-negozjar kollettiv u b'hekk isaħħu l-iffissar tal-pagi previst mill-ftehimiet kollettivi, l-Istati Membri, f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali u f'konformità mal-liġijiet u l-prattiki nazzjonali, għandhom:

(a) jippromwovu l-bini u t-tisħiħ tal-kapaċità tas-sħab soċjali biex jinvolvu ruħhom f'negozjar kollettiv dwar l-iffissar tal-pagi, inkluż fil-livell settorjali jew transindustrijali; kif ukoll

(b) jinkoraġġixxu negozjati kostruttivi, sinifikattivi u infurmati dwar il-pagi fost is-sħab soċjali.

2. Barra minn hekk, l-Istati Membri fejn il-kopertura tan-negozjar kollettiv hi taħt il-livell massimu ta' 70 % għandhom jipprevedu qafas li jippermetti l-kundizzjonijiet għan-negozjar kollettiv, jew bil-liġi wara konsultazzjoni tas-sħab soċjali jew bi ftehim magħhom, u, f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali, għandhom jistabbilixxu pjan ta' azzjoni biex jippromwovu n-negozjar kollettiv. Il-pjan ta' azzjoni għandu jsir pubbliku u għandu jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni Ewropea.

KAPITOLU II

PAGI MINIMI STATUTORJI

*Artikolu 5*

Il-promozzjoni tal-adegwatezza tal-pagi minimi statutorji

1. L-Istati Membri b'pagi minimi statutorji għandhom jistabbilixxu l-qafas neċessarju għall-iffissar u l-aġġornament tal-pagi minimi statutorji. Tali ffissar u aġġornament għandhom ikunu ggwidati minn kriterji stabbiliti biex jippromwovu l-adegwatezza bil-għan li jinkisbu kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien deċenti, il-koeżjoni soċjali u l-konverġenza 'l fuq. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu dawn il-kriterji skont il-prattiki nazzjonali tagħhom, jew fil-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti, fid-deċiżjonijiet tal-korpi kompetenti jew fi ftehimiet bejn tliet partijiet. Il-kriterji għandhom jiġu definiti b'mod stabbli u ċar.

2. Il-kriterji nazzjonali msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu mill-inqas l-elementi li ġejjin, li r-rilevanza u l-piż relattiv tagħhom jistgħu jiġu deċiżi mill-Istati Membri f'konformità mal-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi nazzjonali prevalenti tagħhom:

   (a) il-kapaċità tal-akkwist tal-pagi minimi statutorji, filwaqt li jitqiesu l-għoli tal-ħajja u l-kontribuzzjoni tat-taxxi u l-benefiċċji soċjali;

   (b) il-livell ġenerali tal-pagi u d-distribuzzjoni tagħhom;

   (c) ir-rata ta' tkabbir tal-pagi;

   (d) il-livelli u l-iżviluppi tal-produttività.

2a.(ġdid) Minbarra l-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 1, 2 u 4, l-Istati Membri jistgħu jużaw mekkaniżmu ta' indiċjar awtomatiku għall-aġġustament tal-pagi minimi statutorji abbażi ta' kwalunkwe kriterju u f'konformità mal-liġi*jiet* jew il-prattik*i* nazzjonali.

3. L-Istati Membri għandhom jużaw valuri ta' referenza indikattivi użati normalment biex jiggwidaw il-valutazzjoni tagħhom tal-adegwatezza tal-pagi minimi statutorji.

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw l-aġġornamenti regolari u f'waqthom tal-pagi minimi statutorji sabiex ikomplu jippromwovu l-adegwatezza tagħhom.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm korpi konsultattivi biex jagħtu pariri lill-awtoritajiet kompetenti dwar kwistjonijiet relatati mal-pagi minimi statutorji.

*Artikolu 6*

Varjazzjonijiet u tnaqqis

Fejn l-Istati Membri jippermettu rati differenti ta' paga minima statutorja għal gruppi speċifiċi ta' ħaddiema jew tnaqqis li jnaqqas ir-remunerazzjoni mħallsa għal livell inqas minn dak tal-paga minima statutorja rilevanti, huma għandhom jiżguraw li dawn il-varjazzjonijiet u t-tnaqqis jirrispettaw il-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni u ta' proporzjonalità.

*Artikolu 7*

Involviment tas-sħab soċjali fl-iffissar u l-aġġornament tal-paga minima statutorja

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw l-involviment tas-sħab soċjali b'mod f'waqtu u effettiv fl-iffissar u l-aġġornament tal-paga minima statutorja, inkluż permezz tal-parteċipazzjoni f'korpi konsultattivi msemmija fl-Artikolu 5(5) u b'mod partikolari fir-rigward ta':

(a) l-għażla u l-applikazzjoni tal-kriterji msemmija fl-Artikolu 5(1) u (2) għad-determinazzjoni tal-livelli tal-paga minima statutorja;

(aa)ġdid l-istabbiliment ta' formula ta' indiċjar awtomatiku u l-modifika tagħha, fejn teżisti tali formula;

(bb)ġdid l-għażla u l-applikazzjoni tal-valuri indikattivi ta' referenza msemmija fl-Artikolu 5(3);

(b) l-aġġornamenti tal-livelli tal-paga minima statutorja msemmija fl-Artikolu 5(4);

(c) l-istabbiliment ta' varjazzjonijiet u tnaqqis fil-pagi minimi statutorji msemmija fl-Artikolu 6;

(d) id-deċiżjonijiet dwar il-ġbir tad-data u t-twettiq ta' studji għall-informazzjoni tal-awtoritajiet li jiffissaw il-paga minima statutorja;

*Artikolu 8*

Aċċess effettiv tal-ħaddiema għal pagi minimi statutorji

L-Istati Membri, f'konsultazzjoni jew kooperazzjoni mas-sħab soċjali, għandhom, fejn xieraq, jieħdu l-miżuri li ġejjin biex itejbu l-aċċess tal-ħaddiema għall-protezzjoni tal-paga minima statutorja:

(a) jipprevedu l-kontrolli u l-ispezzjonijiet fuq il-post xierqa mwettqa mill-ispettorati tax-xogħol jew il-korpi responsabbli għall-infurzar tal-pagi minimi statutorji; Dawk il-kontrolli u spezzjonijiet għandhom ikunu proporzjonati u nondiskriminatorji; kif ukoll

(b) jiżviluppaw gwida għall-awtoritajiet tal-infurzar biex b'mod proattiv iżommu fil-mira tagħhom u jsegwu impjegaturi mhux konformi;

KAPITOLU III

**DISPOŻIZZJONIJIET ORIZZONTALI**

*Artikolu 9*

Akkwist pubbliku

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa, skont id-Direttiva 2014/24/UE, id-Direttiva 2014/25/UE u d-Direttiva 2014/23/UE, biex jiżguraw li fit-twettiq tal-kuntratti ta' akkwist pubbliku jew ta' kuntratti ta' konċessjoni l-operaturi ekonomiċi, u s-sottokuntratturi tagħhom, jikkonformaw mal-obbligi applikabbli fir-rigward tal-pagi fil-qasam tal-liġi tax-xogħol stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni, mil-liġi nazzjonali, minn ftehimiet kollettivi jew mid-dispożizzjonijiet tal-liġi internazzjonali tax-xogħol.

*Artikolu 10*

Monitoraġġ u ġbir ta' data

1. L-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw il-kopertura u l-adegwatezza tal-pagi minimi.

2. L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni kull sentejn, qabel l-1 ta' Ottubru ta' kull sena ta' rapport, id-data u l-informazzjoni li ġejja:

(a0)ġdid. ir-rata ta' kopertura ta' negozjar kollettiv;

(a) għall-pagi minimi statutorji:

(i) il-livell tal-pagi minimi statutorji u s-sehem tal-ħaddiema koperti bih;

(ii) deskrizzjoni tal-varjazzjonijiet u t-tnaqqis eżistenti;

(b) għall-protezzjoni tal-paga minima pprovduta biss permezz ta' ftehimiet kollettivi:

(i) ir-rati tal-paga l-aktar baxxi ffissati bi ftehimiet kollettivi li jkopru dawk li jaqilgħu paga baxxa jew stima tagħhom u s-sehem ta' ħaddiema koperti minnhom jew stima tagħhom;

(iii) il-livell tal-pagi mħallsa lill-ħaddiema li mhumiex koperti […] minn ftehimiet kollettivi u r-relazzjoni tagħha mal-livell tal-pagi mħallsa lill-ħaddiema koperti minn ftehimiet kollettivi.

L-Istati Membri mhumiex obbligati jirrappurtaw id-data msemmija fl-Artikolu 10(2)(b)(i) għal ftehimiet kollettivi fil-livell tad-ditti.

L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-istatistika u l-informazzjoni msemmija f'dan il-paragrafu diżaggregata skont is-sess, l-età, id-diżabilità, id-daqs tal-kumpanija u s-settur sa fejn dan ikun possibbli.

L-ewwel rapport għandu jkopri s-snin [*X, Y, Z: it-tliet snin qabel is-sena tat-traspożizzjoni*] u għandu jasal sa [*l-1 ta' Ottubru YY: sena wara t-traspożizzjoni*]. L-Istati Membri jistgħu jħallu barra statistika u informazzjoni li ma tkunx disponibbli qabel [*id-data tat-traspożizzjoni*].

4. Il-Kummissjoni għandha tanalizza d-data u l-informazzjoni trażmessa mill-Istati Membri fir-rapporti msemmija fil-paragrafu 2, u għandha tirrapporta dwarha kull sentejn lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

***Artikolu 10a(ġdid)***

Informazzjoni dwar il-protezzjoni tal-paga minima

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni dwar il-protezzjoni tal-paga minima tkun disponibbli għall-pubbliku b'mod komprensiv u faċilment aċċessibbli. Dan ma japplikax għall-ftehimiet kollettivi fil-livell tal-kumpaniji.

*Artikolu 11*

Dritt għal rimedju u protezzjoni kontra trattament jew konsegwenzi negattivi

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, mingħajr preġudizzju għal forom speċifiċi ta' rimedju u soluzzjoni tat-tilwim previsti, fejn applikabbli, fi ftehimiet kollettivi, il-ħaddiema, inkluż dawk li r-relazzjoni ta' impjieg tagħhom tkun intemmet, ikollhom aċċess għal soluzzjoni tat-tilwim effettiva u imparzjali u dritt għal rimedju fil-każ li d-drittijiet relatati mal-pagi minimi statutorji jew mal-protezzjoni tal-paga minima jkunu previsti mil-liġi nazzjonali jew minn ftehimiet kollettivi u jkunu nkisru.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jipproteġu lill-ħaddiema, inkluż dawk li huma rappreżentanti tal-ħaddiema, minn kwalunkwe trattament negattiv mill-impjegatur u minn kwalunkwe konsegwenza negattiva li tirriżulta minn ilment imressaq quddiem l-impjegatur jew li tirriżulta minn kwalunkwe proċediment mibdi bil-għan li tiġi infurzata l-konformità fil-każ li d-drittijiet relatati mal-protezzjoni tal-paga minima jkunu previsti mil-liġi nazzjonali jew minn ftehimiet kollettivi u jkunu nkisru.

*Artikolu 12*

Penali

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tad-drittijiet u l-obbligi relatati mal-pagi minimi, sa fejn dawn id-drittijiet u l-obbligi huma previsti fil-liġi nazzjonali jew fi ftehimiet kollettivi. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

## KAPITOLU IV

## DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

### *Artikolu 13*

### Implimentazzjoni

L-Istati Membri jistgħu jafdaw lis-sħab soċjali bl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, fl-intier tagħha jew parti minnha, inkluż l-istabbiliment tal-pjan ta' azzjoni skont l-Artikolu 4(2), meta s-sħab soċjali flimkien jitolbu li jagħmlu dan. Meta jagħmlu dan, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi neċessarji kollha biex jiżguraw li l-obbligi stabbiliti b'din id-Direttiva jkunu rispettati f'kull mument.

### *Artikolu 14*

### Tixrid ta' informazzjoni

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva, flimkien mad-dispożizzjonijiet rilevanti diġà fis-seħħ relatati mas-suġġett kif stabbilit fl-Artikolu 1, jinġiebu għall-attenzjoni tal-ħaddiema u l-impjegaturi, inkluż l-SMEs.

### *Artikolu 15*

### Evalwazzjoni u rieżami

Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' din id-Direttiva sa [ħames snin wara d-data tat-traspożizzjoni]. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jirrieżamina l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u tipproponi, fejn xieraq, emendi leġiżlattivi.

*Artikolu 16*

Nonregressjoni u dispożizzjonijiet aktar favorevoli

1. Din id-Direttiva ma għandhiex tikkostitwixxi raġuni valida għat-tnaqqis tal-livell ġenerali ta' protezzjoni mogħti lill-ħaddiema fl-Istati Membri.

2. Din id-Direttiva ma għandhiex taffettwa l-prerogattiva tal-Istati Membri li japplikaw jew li jintroduċu liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi li huma aktar favorevoli għall-ħaddiema jew li jinkoraġġixxu jew jippermettu l-applikazzjoni ta' ftehimiet kollettivi li huma aktar favorevoli għall-ħaddiema.

3. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dritt mogħti lill-ħaddiema b'atti legali oħra tal-Unjoni.

*Artikolu 17*

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa [*sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ*]. Huma għandhom minnufih jgħarrfu lill-Kummissjoni f'dak ir-rigward.

   Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi kif issir dik ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

*Artikolu 18*

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 19*

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |